MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Numru. 429/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Renald Attard**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Renald Attard bin Raymond u Maria Dolores nee’ Galea, imwieled Pieta’ fit-8 t’

Ottubru, 1984, residenti fil-fond ‘Rockap’ Flat 4 Triq il-Gdida, Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 499684M.

Akkuzat talli nhar it-23 t’ April, 2012 bejn is-1900 u t-2030hrs ta’ filghaxija, gewwa Triq il-Miratur, Floriana:

a) Volontarjament ghamel hsara li ammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u Erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan ghad-detriment ta’ Jason Galea (ID no 161574M) u Kurt Attard (ID no 56193M);
b) Ukoll tall fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b’ ghajjat u glied;
c) Talli nhar it-23 t’ April 2012 ghal habta tas-sitta u nofs ta’ filghaxija (1830hrs) go Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Dorianne Borg (ID no 174083M);
d) Ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b’ ghajjat u glied;
e) U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-3 t' April, 2014 (inserita a fol. 144 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

1. Fl-Artikoli 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 214, 215, 221(1)(2) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 17, 20, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-12 t' April, 2013, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Mejju, 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mix-xhieda tal-Probation Officer Maria Mifsud u tal-Psikologu Kevin Sammut Henwood irrizulta li l-imputat ghamel progress kbir u fic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha li huwa ghandu jinghata l-ghajnuna sabiex ikompli ghaddej fuq it-triq it-tajba. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li ma kinitx qed tinsisti fuq piena karcerarja effettiva jew sospiza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali tat-3

ta’ Jannar, 2013 u senjatament l-Artikoli 325(1)(a), 338(dd), 214, 215, 221(1)(2) u 217, 49, 50 u 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi, u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggi lil imputat taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ sentejn (2) millum taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------